# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.

**Seduta ta' t-Tlieta 26 ta' Jannar, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Joorun Enzo Jesus Patrice**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra **Joorun Enzo Jesus Patrice**, ta' 20 sena, iben Nicola u Natalie nee` Miralles, imwieled Franza fl-10 ta' Jannar, 1996, residenti fuq il-vapur 'La Motte-Picquet', fil-Port, Valletta ID 120431300608.

Akkuzat talli nhar il-25 ta' Jannar, 2016 ghal habta tat tlieta u nofs ta' filghodu (03.30 hrs) gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma tiqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe` kontra is-surgenti PS430 E. St. John u PS887 S. Mercieca u l-kuntistabbli PC433 R. Mallia u persuni ohra bhala ufficcjali pubblici, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi;

2. Ingurja, hedded, jew ghamel offiza ta’ natura hafifa (hekk kif iccertifika Dr. E. D. Lauria M.D., mic-centru tas-sahha tal-Furjana) fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` l-kuntistabbli PC 433 R. Mallia, waqt li kien qed jaghme jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;

3. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta’ wiehd li jkun inkarigat minn serizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkolhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’ xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

4. Talli pejjep f’ xi fond maghluq u cioe` gewwa l-istabbiliment ‘Havana’ gewwa Paceville, San Giljan meta it-tipjip f’ dan il-post huwa pprojbit;

5. F’ lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b’ mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nnifsu.

Wara li rat l-artikoli tal-Ligi partikolarment l-Art 95, 96, 99, 338 (ee) u 338 (ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif wkoll l-Art. 3(1) LS 315.04 u qieghdha ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha kif migjuba u tikkundannah piena ta’ prigunerija ta’ 4 xhur sospizi ghal sentejn u qieghdha timmultah multa ta’ €800 li ghandha tithallas qabel ma’ l-akkuzat jerga jsalpa ‘l barra minn Malta il-Hamis 28 ta’ Jannar, 2016.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja - Deputat Registratur**